MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 294/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Joseph Borg (I.D. 741451(M))**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-bank attur fid-29 ta’ Marzu 2010, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi bir-termini u kundizzjonjiet imsemmija fl-iskrittura privata datata 12 ta’ Novembru 2004 (Dok “A”) is-socjeta’ attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Joseph Borg;
2. Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici ta’ Joseph Borg fis-somma ta’ erbaghtax-il elf, mitejn u tlieta u tmenin Ewro u sebgha u sebghin centezmi (€14,283.77) bilanc

ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ Joseph Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B3”) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 ta’ Frar 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebita bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph Borg;

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u / jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Joseph Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenut Joseph Borg gie nterpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata fit-3 ta’ Gunju 2009 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. “C”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, liema ittra giet oggezzjonata u d-debitu baqa ma thallasx u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Talab, wara li jsiru d-dikjarazzjonjiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tilqa’ t-talbiet tal-bank attur li qieghed hawn jitlob li l-Qorti :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebita bhala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph Borg (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi skrittura, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura soporaindikata, u / jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Joseph Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

2. Tikkundanna lil Joseph Borg jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbaghtax-il elf, mitejn u tlieta u tmenin

Ewro u sebgha  u sebghin centezmi (€14,283.77) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ Joseph Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B3”) flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 ta’ Frar 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fit-3 ta’ Gunju 2009 u tal-Mandat ta’ Sekwestru kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tax-xhieda tal-bank attur;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jipprezenta risposta guramentata u b’hekk baqa kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil Dr Lilian Cremona prodotta mill-bank attur fis-seduta tat-2 ta’ Frar, 2011, tikkonferma bil-gurament illi l-bank attur sa dakinhar kien baqa’ ma thallas xejn minghand il-konvenut;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa talbiet attrici, kif dedotti fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur s-somma ta’ erbaghtax-il elf, mitejn u tlieta u tmenin Ewro u sebgha  u sebghin centezmi (€14,283.77) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ Joseph Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 ta’ Frar 2010 sad-data ta’ l-effettiv pagament. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------